MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 2184/1996/1

Teresa armla minn Emanuele Borg

Vs

Carmelo Borg

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-24 ta' Gunju 1996 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet illi fil-5 ta' Jannar 1992, miet Emanuel Borg, bin il-mejtin Angelo u Filomena nee Pace, b'testment pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Dupuis tas-16 ta' Ottubru 1978; illi bl-istess testment il-konvenut Carmelo Borg, iben l-istess Emanuel Borg u l-ewwel mara tieghu Giuseppa nee Vella, gie istitwit eredi universali ta' Emanuel Borg; illi bl-istess testment l-attrici, it-tieni mara ta' Emanuel Borg, giet nominata legatarja ta:-
1) sehem it-testatur u cioe hames ottavi (5/8) indivizi mid-dirett dominju annwu u perpetwu ta' mija u sitta u tmenin lira maltija (LM186) impost fuq l-ghalqa ta' l-

Iklin, Hal Lija, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tat-12 ta' April 1966;
2) is-somma ta' elfejn lira maltija (LM2000.00) bl-imghax tas-sitta fil-mija fis-sena (6%) mid-data tal-mewt tat-testatur, u
3) l-uzufrutt generali ta' l-assi kollha tat-testatur bl-esenzjoni mill-obbligi tal-inventarju u tal-kawzjonijiet rikjesti mil-ligi;
u peress li kull ftehim biex isiru laqghat li fihom jigu regolati r-relazzjonijiet bejn l-attrici u l-konvenut u sodisfatti d-drittijiet ta' l-attrici bhala legatarja, ma gewx mwettqa; u peress li l-attrici kellha tispicca biex, fl-10 ta' April 1996, tinterpella lill-konvenut sabiex jimmetiha fil-pussess tal-legati imsemmija lilha mhollija; talbet li din il-Qorti:-
1. tikkundanna lill-konvenut biex, fi zmien qasir u perentorju li jigi mpost fuqu, jimmetti lill-attrici fil-pussess tal-legati fuq imsemmija, lilha imholljin bit-testment Emanuel Borg, ippubblikat minn Nutar Dottor George Bonello Dupuis fis-16 ta' Ottubru 1978.

Bl-interessi mill-5 ta' Jannar, 1992 u bl-ispejjes kontra l-konvenut, ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attrici.

Rat in-nota tal-konvenut tas-7 ta' pril 1997 li permezz taghha eccepixxa:-
1. Illi l-atti ghandhom jigu korretti billi l-attrici li tahbat it-tieni mara ta' missier il-konvenut, effettivament toqghod f'numru 24, Triq Luqa Briffa, fil-Gzira u mhux f'24, Triq Luqa Briffa, fil-Pieta.
2. Illi c-citazzjoni giet intavolata hazin billi stante li parti mill-assi jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-konvenut u martu Imelda Borg, ic-citazzjoni kellha tigi ntavolata kontra l-konvenut Carmelo Borg u martu Imelda, u stante li dan ma sarx ghalhekk ic-citazzjoni m'hijiex intavolata korrettament u ghandha tigi debitament ikkorreguta u notifikata mill-gdid a spejjes tal-istess attrici.

3. In-nullita' tac-citazzjoni minhabba l-fatt li l-premessi m'humiex enumerati skond kif jesigi l-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Fir-rigward ta' l-ewwel premessa, filwaqt li mhux kontestat il-fatt li missier il-konvenut Emanuel Borg miet fil-5 ta' Jannar 1992, huwa kkontestat it-testment pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Dupuis li sar fis-16 ta' Ottubru 1978 u fejn qed jigi sottomess li tali testment huwa null ghar-ragunijiet kif sejrin jigu ndikati, inter alia, fil-kontro talba.
5. Illi fir-rigward tat-tieni premessa, filwaqt li huwa minnu li permezz tat-testment imsemmi il-konvenut gie nominat bhala eredi universali ta' missieru, dan it-testment ser jigi kuntestat fil-kontro talba billi huwa null jew null in parti minhabba xi artikoli kontenuti fih.
6. Illi l-legati mhollija lill-attrici ser jigu kontestati bil-kontro talba.
7. Illi l-attrici qatt ma accettat li t-testment kien abbusiv u konsegwentement null.
8. Illi l-immissjoni fil-pussess qatt ma setghet issir stante li t-testment qed jigi attakkat.
9. Illi hu ma ghandux jbati spejjes u lanqas imghaxijiet mill-5 ta' Jannar 1992 billi dawn, se mai jiddekorru mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali u cioe l-10 ta' April 1996.
10. Illi huwa ser jitlob fil-kontro talba il-likwidazzjoni ta' sehmu mill-wirt ta' ommu, l-ewwel mara tad-decujus.
11. Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.
Rat il-kontro talba tal-konvenut fejn gie premess:-
1. illi l-konvenut irceva citazzjoni fejn il-Qorti giet mitluba tikkundannah jimmetti fil-pussess tal-legati imhollija lilha bit-testment ta' zewgha tas-16 ta' Ottubru 1978.
2. Illi l-konvenut huwa iben id-decujus mill-ewwel zwieg tieghu.
3. Illi huwa fid-9 ta' Jannar 1992 ippresenta d-denunzja tas-successjoni ta' missieru.
4. Illi l-genituri tal-konvenut ghamlu testment unica carta fil-25 ta' Lulju 1958 fl-atti tan-Nutar Rosario Frendo Randon, u l-konvenut kien gie istitwit eredi ta' tlett kwarti

mill-assi taghha kif suggett ghall-uzufrutt ta' zewgha li inghata l-fakolta li jimmodifika l-istess testment.
5. Illi huwa qatt ma irceva xejn mill-assi ereditarju ta' ommu.
6. Illi missier il-konvenut ghamel testment fis-16 ta' Ottubru 1978 quddiem in-Nutar Dottor George Bonello Dupuis, u fejn, inter alia, jirrizulta car illi l-attrici kienet presenti, u bla dubbju ta' xejn kellha certu sehem biex jsiru certa decizzjonijiet li fid-dawl tal-ligi jaghmlu dak it-testment null, jekk mhux fl-intier tieghu imma in parte, minhabba n-natura ta' kif gew assenjati l-legati fit-tielet artikolu u dan huwa sostanzjat bil-kontenut tar-raba artikolu fejn hemm indikat "It-testatur jiddikjara li l-legati mhollija lill-martu bl-artikolu precedenti huma skond il-kalkoli tieghu, fil-limiti tad-disponibilita' skond il-ligi. Fil-kaz li dawn il-legati jigu attakkati mill-eredi u tirrizulta necessarja xi riduzzjoni, dina r-riduzzjoni ghandha ssir mil-legat tal-flus - dak taht l-ittra (b) fl-artikolu precedenti."
7. Illi minn dan jidher li t-testatur, in-Nutar u l-attrici li kienet presenti kienu jafu li l-legati mhollija lill-attrici ma kienux konformi mal-ligi u li dan seta' jannulla jekk mhux fl-intier in parte t-testment citat.
8. Illi in vista ta' din il-kontro talba t-talba attrici ghandha tigi michuda u l-konvenut ma ghandhux jbati spejjes jew imghaxijiet.

Talab li din il-Qorti
1. tillikwida sehemu mill-assi erditarju ta' Giuseppa Borg.
2. li dan is-sehem mill-assi tal-omm jigi mghoddi lilu mill-eredita tal-mejjet missieru Emanuel Borg.
3. li t-testment tas-16 ta' Ottbru 1978 in atti Nutar George Bonello Dupuis (jigi dikjarat) null billi mhux konformi mal-ligi;
4. illi jekk it-testment ma jigiex dikjara null dan ghandu jig hekk dikjarat in parte minhabba l-legat mholli lill-attrici fid-dawl tat-tielet artikolu u fl-inkwadratur ta' l-implikazzjoni tar-raba artikolu ta' l-istess testment;
5. alternattivament li tipprovdi dwar l-irregolarita jekk hua l-kaz tat-testment imsemmi;

6. li l-attrici ghandha tforni taht penali (?) lill-konvenut id-dettalji tal-persuni li ghandhom jhallsu c-cnus jew xi ammonti ohra;
7. li jinhatru esperti legali u teknici sabiex jillikwidaw l-assi tad-decujus u ta'omm il-konvenut;
8. li jigi dikjarat li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt;
9. tiddikjara li l-konvenut ma ghandu jbati ebda spejjes u imghaxijiet billi l-inadempjenza fic-cirkostanzi sehhet tort unikament ta' l-attrici minhabba nuqqas ta' koperazzjoni u praticita da parti taghha biex tintlahaq soluzzjoni amikevoli fid-dawl tas-suggeriment li sarilha;
10. li taghti kull provedient xieraq biex il-gustizzja mhux biss issir izda ukoll tidher li qed issir.

Bl-ispejjes kollha, gudizzjarji u extra gudizzjarji, kontra l-attrici Teresa armal Borg li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-attrici b'risposta ghall-kontrotalba fejn eccepiet:-

1. illi l-eccipjenti mhix legittimu kontradittur fl-ewwel u t-tieni talbiet; ghalhekk dawn ghandhom jigu michuda fil-konfront taghha bl-ispejjes kontra Carmelo Borg;
2. illi t-tielet u raba talbiet huma nulli ghaniex ma ghandhomx specifikati b'referenza ghalihom kawzali li, skond il-ligi, tista fuqha tigi pronunzjata nullita' totali jew parzjali ta' testment; ghalhekk l-esponenti gahndha tigi mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra l-konvenut;
3. illi l-hames talba hija nulla ghaliex, kif impustata, ma johrogx car minnha dak li qieghed jintalab; fil-fatt hija non-talba; ghalhekk din ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-konvenut;
4. illi l-eccipjenti ma ghandha ebda obbligu taht il-ligi li tforni l-informazzjoni mitluba minnha fis-sitt talba; ghalhekk din ghandha tigi michuda bl-ispejjes;
5. illi s-seba talba, kif koncepita, mhix miftuha ghal Carmelo Borg, stante li huwa stess illum huwa indiskutibilment l-eredi kemm ta' ommu, kif ukoll ta' missieru; ghalhekk din it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjes;

6. illi t-tmien talba hija zejda ghaliex l-mertu taghha huwa ga konsidrat fl-azzjoni mibdija mill-eccipjenti u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjes;
7. illi d-disa' talba hija nfondata fid-dritt u fil-fatt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes;
8. illi l-ghaxar talba hija superfluwa u ghandha tigi michuda bl-ispejjes.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-2 ta' Lulju 1997 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-24 ta' Ottubru 1997 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Frar 1998 meta giet mahtura Dr. Maria Dolores Gauci bhala assistent gudizzjarju sabiex tigbor il-provi tal-partijiet.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Emanuel Borg miet fil-5 ta' Jannar 1992. In forza tas-6 Artikolu tat- testment tieghu tas-16 ta' Ottubru 1978 fl-atti tan-Nutar Dr. George Bonello Dupuis, id-decujus innomina u istiwtixxa bhala eredi universali tieghu lill-ibnu l-konvenut Carmelo Borg bis-sotituzzjoni volgari ta' uliedu u ulterjuri dixxendi. Fl-istess hin in forza ta' l-artikolu tlieta tal-istess testment huwa halla lill-martu l-attrici diversi legati konsistenti f'sehem indiviz ta' dirett dominju perpetwu, is-somma ta' LM2,000, kif ukoll l-uzufrutt generali tar-rimanenza tal-assi tieghu kollu bl-ezenzjoni mill-obbligu tal-inventarju u kawzjoni rikjesti mil-ligi.

Il-konvenut gie interpellat sabiex jimmetti lill-attrici fil-pussess tal-legati imsemmija, izda dan dejjem irrifjuta billi kien dejjem isostni li l-assi ereditarju ma kienx sufficjenti sabiex jithallsu l-imsemmija legali, u dan b'referenza specjali ghal-legat ta' flus. Izda l-konvenut qatt ma pprevala ruhu mid-drittijiet moghtija lilu bil-ligi u cioe jew li

jirrinunzja ghall-wirt u jzomm ferm id-dritt tal-legittima a termini ta' l-artikolu 861 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jew li jacceta l-istess wirt bil-beneficcju tal-inventarju a termini ta' l-artikolu 847 tal-Kap 16.

Ir-rinunzja tal-wirt bir-riserva tad-dritt tal-legittima kienet tassikura lill-konvenut id-drittijiet komtemplati fl-artikoli 647 et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi kull sehem minn dak il-legat li jeccedi l-parti disponibbli mit-testatur a termini ta' l-artikolu 614 tal-Kap 16, jigi mnaqqas sabiex tibqa' salvagwardata l-legittima - basta li tali talba ssir fi zmien ghaxar snin mill-apertura tas-successjoni kif kontemplat fl-artikolu 647 abbinat mal-artikolu 845 tal-Kap 16.

Alternattivament l-accettazzjoni tal-wirt bil-beneficcju tal-inventarju kien jehles lill-konvenut mill-obbligi ghal hlas tad-djun tal-wirt (u hawn ghandu jigi rilevat li legat huwa dejn tal-wirt) f'izjed minn kemm ikunu jswew il-hwejjeg li jkun missu lilu, bil-fakolta' ukoll li jcedi favur il-kreditur jew il-legatarju il-hwejjeg tal-wirt u finalment billi hwejgu ma jigux mhaltin ma dak tal-wirt.

L-artikolu 894 tal-Kap 16 finalment jiddisponi li "*Jekk il-werriet li jmissu l-legittima, jew sehem iehor mill-hwejjeg tal-wirt, ma jiehux hsieb li jaghmel l-inventarju, jitlef il-jedd li jitlob li jigu mnaqqsin in-donazzjonijiet u* ***il-legat*** *mhollijin lil persuni ohra, li ma jkunux werrieta flimkien mieghu."*
Minn dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li gialadarba l-konvenut jidher li accetta l-wirt bla ebda kondizzjoni, huwa assuma l-obbligi naxxenti mid-disposizzjonijiet testamentarji tad-decujus u bhala tali ghandu jonora l-legati mhollija lill-attrici.

Ikkunsidrat:-

Il-konvenut izda qed isostni li t-testment tal-genitur tieghu huwa null, jew in toto jew in parte, u f'dan is-sens, apparti affarijiet ohra, ghamel kontro talba fil-proceduri odjerni.

Illi qabel xejn din il-Qorti tosserva li l-attrici odjerna ma hijiex il-legittimu kontradittur fi proceduri ghar-rexissjoni ta'

testment jew disposizzjonijiet singoli testamentarji. L-attrici hija biss legatarja tad-decujus u ma tistax ghalhekk toqghod f'gudizzju fejn l-validita' o meno tat- testment hija in kawza.

Fit-tieni lok in-nullita' tat-testment teffettwa direttament l-istituzzjoni tal-konvenuta qua eredi. Huwa ghalhekk ma jistax, gia la darba accetta l-wirt, jitlob dikjarazzjoni li dak it-testment huwa hazin. Fir-rigward ta' xi kontestazzjoni dwar il-fatt li t-testatur ecceda l-hekk imsejha "disposable portion", li donna hija t-talba alternattiva tal-konvenut, ukoll il-konvenut ma jistax jipproponi tali talba billi llum huwa eredi universali u mhux legittimarju. Tali azzjoni tista' biss tingieb il-quddiem kemm-l darba l-konvenut ghazel li jirrinunzja ghall-wirt u jzomm ferm id-dritt ta' legittima - liema triq ma adottax.

Illi ukoll ma jaghmlux sens t-talbiet tal-konvenut li jigu likwidati l-assi ereditarji tal-genituri tieghu u li huwa jigi assenjat sehemu mill-wirt ta' ommu billi fl-ewwel lok l-attrici ma hijiex legittima kontradittur, fit-tieni lok l-istess konvenut huwa l-uniku eredi taz-zewg genituri tieghu u fit-tielet bit-testment unica carta tal-25 ta' Lulju 1958 l-istess Emanuel Borg kien inghata l-fakolta li jimmodifika bi kwalunkwe mod l-istess testment u fl-ahharnett t-talba hija preskritta. Illi jsegwi li s-seba' talba tal-konvenut fil-kontro talba tieghu hija superfluwa.

Illi l-attrici ma ghandha ebda obbligu li tforni dettalji dwar l-assi ereditarju li wiret il-konvenut.

Illi dwar it-talba li l-konvenut jigi liberat minn kull responsabbilita' ghall-ispejjes u imghaxijiet jigi osservat li huwa obbligu tal-eredi li jimmetti fil-pussess l-legatarju u dana wara talba semplici tal-parti interessata, haga li ma ghamilx ripetutament, u dwar l-imghaxijiet issir referenza ghall-artikolu 728 tal-Kap 16 li jipprovdi specifikatament li tali imghaxijiet ma jiddekorrux kemm-l darba ma jkunx hemm interpellazzjoni, haga li saret, u fi kwalunkwe kaz dawn jiddekorru meta l-legat jkun ta' fond, jew ta' kapital jew haga ohra li taghti frottijiet

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad il-kontro talba tal-konvenut u l-eccezzjonijiet tieghu ghat-talba principali, tilqa' t-talba attrici u konsegwentement tordna lill-istess konvenut sabiex fi zmien tlett xhur mil-lum jimmetti lill-attrici fil-pussess tal-legati mhollija lilha fit-testment ta' Emanuel Borg tas-16 ta' Ottubru 1978 fl-atti tan-Nutar Dr. George Bonello Dupuis, bl-imghax legali kif mitlub. Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri